**Deċiżjoni mogħtija mid-Deputy Speaker fis-Seduta 30 tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar tweġiba għal mistoqsija parlamentari 2348 mogħtija fis-Seduta tal-10 ta' Ġunju 2013**

Fis-seduta tal-bieraħ, it-Tlieta 11 ta' Ġunju 2013, l-Onor Marthese Portelli talbet lis-Sedja tinvestiga sitwazzjoni li tirrigwarda mistoqsija parlamentari 2348 magħmula minnha stess lill-Ministru għas-Saħħa u li t-tweġiba għaliha ngħatat fis-seduta tat-Tnejn, 10 ta' Ġunju 2013.

L-Onor Portelli qalet li qabel ma bdiet is-seduta tat-Tnejn, hija ġabret kopja tal-mistoqsijiet parlamentari minn fuq il-mejda tal-Kamra u li jirriżultalha li t-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 2348 li kien hemm f'dik il-kopja hija differenti mit-tweġiba li mbagħad ingħatat fil-kopji li tqassmu aktar tard.

Mill-indaġni li saret mill-Uffiċċju tal-Iskrivan, jirriżulta li t-tweġiba oriġinali li kienet ingħatat għall-mistoqsija parlamentari 2348 ġiet irtirata mill-Ministeru għas-Saħħa ftit minuti qabel ma attwalment bdiet is-seduta u ntbagħtet risposta oħra minflokha. L-i*staff* tal-Parlament kien, għaldaqstant, obbligat li jissostitwixxi t-tweġiba oriġinali b'dik finali fis-sett tal-mistoqsijiet bit-tweġibiet, li kien diġà ġie stampat. Is-sett emendat tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Membri fil-bidu tas-seduta. Jidher, madankollu li fil-fatt kien hemm xi Membri, fosthom l-Onor. Portelli, li laħqu ħadu kopja tas-sett qabel ma dan ġie emendat.

Nibda billi ngħid li kien biss għall-konvenjenza tal-Onorevoli Membri, li matul is-snin ġiet adottata l-prassi li fil-bidu ta' kull seduta jiġi stampat sett sħiħ tal-mistoqsijiet parlamentari li jkunu se jiġu mwieġba f'dik is-seduta flimkien mat-tweġibiet għalihom. Dak is-sett ta' mistoqsijiet u tweġibiet ikun lest u jitpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Onorevoli Membri fil-bidu tas-seduta. Madankollu fl-ewwel nofs siegħa tas-seduta, waqt il-ħin tal-mistoqsijiet, kull tweġiba li tkun ingħatat sa dak il-ħin tkun tista' tinbidel mill-Ministru kemm verbalment waqt li jkun qed jirrispondi fil-Kamra, kif ukoll bil-miktub jekk il-mistoqsija ma tilħaqx tiġi mwieġba fil-ħin tal-mistoqsijiet. Dan huwa sostnut anke b'deċiżjoni tas-Sedja mogħtija f'seduta 87 tat-8 ta' Lulju 1997, fejn kien intqal li:

> "Rigward ir-risposti għall-mistoqsijiet parlamentari dawn ikunu aċċessibbli malli jispiċċa l-ħin tal-mistoqsijiet. Għandu jiġi apprezzat il-fatt illi r-risposti li jkunu waslu f'dan l-Uffiċċju, b'mod speċjali dawk ir-risposti għal mistoqsijiet orali li jilħqu jiġu mgħajta fis-Seduta, jsiru biss uffiċjali meta ministru jirrispondihom *viva voce* u sa dak il-ħin jistgħu jinbidlu u tingħata verżjoni differenti minn dik li tkun waslet fl-Uffiċċju. Ġie wkoll ivverifikat illi fil-*House of Commons* il-membri ma jkollhomx aċċess għar-risposti qabel ma jingħataw."

Għaldaqstant is-Sedja tirriafferma li r-risposti uffiċjali għall-mistoqsijiet parlamentari huma dawk li jingħataw mill-Ministri verbalment fil-Kamra waqt il-ħin tal-mistoqsijiet. It-tweġibiet għal dawk il-mistoqsijiet li ma jilħqux jiġu mwieġba fil-ħin tal-mistoqsijiet isiru uffiċjali malli tiskadi l-ewwel nofs siegħa tas-seduta u jintemm il-ħin tal-mistoqsijiet. Huwa

f’dan il-mument li dawn it-tweġibiet jiġu jifformaw parti mid-dibattiti uffiċjali tal-Kamra anke kif stipulat fl-Ordni Permanenti 32 tal-istess Kamra.

Is-Sedja żżid li d-deċiżjoni li qiegħda tagħti għandha tapplika wkoll għad-dokumenti li jkunu se jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra b’risposta għad-domandi parlamentari.

Nieħu l-opportunità biex niġbed l-attenzjoni tal-membri tal-media li jkunu qed isegwuna fil-Kamra waqt il-ħin tal-mistoqsijiet u li allura qed ikollhom ukoll aċċess għad-dokumenti msemmija, biex jieħdu nota ta’ din id-deċiżjoni u ma jippubblikaw xejn qabel it-termini indikati.